8

6 ta' Jannar 2023

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 6 JAN 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

*Skedar:* *Villa Cal Rose and its gardens Triq ix-Xatt Tal-Pieta*

**Rikors ta' l-appell ta' Landgate Limited mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2020 il-proprjeta ta' l-Appellant giet skedata.

II) Illi permezz ta talba ta' rikonsiderazzjoni, l-Awtorita ikkonfermat l-iskedar u bidlet in parti l-istess skedar u dan skond decizjoni tal-Kunsill Ezekuttiv tat- 8 ta' Novembeu 2022 u li giet ikkomunikata lill-Appellanti fl- 14 ta' Dicmebru 2022.

Bid-dovut rispett, l-appellant jhoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi apellata (Dok JA1).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1. Illi l-appellant jaghmel referenza ghat-talba ta' rikonsiderazzjoni minnu maghmula lill-Awtorita u d-dokumentazzjoni u presentazzjoni munnu maghmula u jitlob illi ghal dawk ir-ragunijiet hemm elenkati, dan it-tribunal joghgbu jemenda l-iskedar de quo skond dak sottomess.
2. Illi huwa car illi l-livell li bih parti mill-proprjeta giet skedata huwa eccessiv u mhux se jwassal sabiex l-istess proprjeta tigi restawrata jew preservata.
3. Illi il-proprjeta diga tinsab fi stat hazin hafna u il-mod li bih listess proprjeta giet skedata mhux ser iwassal sabiex l-istess proprjeta tkun preservata b' mod adegwat u b' uzu adegwat.

4. Illi hawn tehtieg li ssir referenza ghall-ahhar sottomissjoni tal-SCH a fol 460a tal-process PA 698/19 li kien car fl-analizi tieghu fejn sostna l-oggezjoni tieghu ghall- fatt li l-bini propost kellu gholi eccessiv. Izda, fl-istess sottomissjoni l-istess SCH irrakkomanda li l-gholi jitnaqqas b' sular. Issir pero ukoll referenza ghas-6 punti l-ohra imqajjam mill-istess SCH fejn l-istess SCH kien favur il-proposta ta' l-applikant minn kull aspett (hlief l-ogholi). L-istess posizzjoni ha ic- CHAC fejn ikkonkluda (fol. 458a):

   The Committee noted fresh drawings at docs 430 and acknowledges that the giardino chiuso will now be retained without any overhanging structures,

along with the proposed balconies on the right-hand side of the structure, which will completely mask the blank wall and will enhance the previously proposed blank wall. The Committee is not averse to the proposal provided that the height of the proposed building is reduced by one floor and with the proposed penthouses being lowered by one floor, without any cantilever structures on the façade and the structure being built centrally to the proposed façade.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta'l-aplikazzjoni odjerna jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni mehuda mill-Awtorita fil-kaz odjern, u tenut kont ta'dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li l-iskedar jigi emendat hekk kif mitlub, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**Lista ta' xhieda:**

Konsulenti interni u esterni ta' l-Awtorita kif ukoll ufficjali ta' l-istess sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u kazijiet simili, kif ukoll dwar il-policies vigenti.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**